**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M.,LL.D.**

Seduta tad-9 ta' Novembru 2015

Appell Nru: 27/2014

Il-Pulizija

Spettur Ramon Mercieca

Vs

Clyde Micallef

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba mill-Pulizija kontra l-appellant Clyde Micallef detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 398277M, talli nhar fis-7 ta' Lulju, 2013, ghall habta ta' 17:00hrs fl-inhawi ta' Smart City, il-Kalkara, ma kellux fuq bastiment zghir taht dawn ir-regolamenti numru u marki distinti moghtija lilu u murija car hafna fuq il-bastiment zghir b'dak il-mod li l-Awtorita' tordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment zghir. In-numru u l-marka distinti jkunu l-istess bhal dawk murija fic-certifikat ta' registrazzjoni, jew jekk il-bastiment zghir ma jkollu l-ebda marka ta' registrazzjoni u dan bi ksur ta' Reg. 22 u Reg. 45 it-Tielet Skeda SL 499.52.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-22 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li semghet il-provi u rat ir-Regolamenti 22 u

45 tat-Tielet Skeda SL 449.52 tal-Ligjiet ta' Malta, sabet lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt Ewro (€500);

Rat ir-rikors t'appell tal-imputat Clyde Micallef, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Jannar, 2014, li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab hati tal-akkuza, izda tirrevoka u thassar is-sentenza appellata in kwantu l-appellant kien kkundannat ghall-hlas ta' multa ta' €500 u konsegwentement tinfliggi piena li tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi u li ma tkunx eccessiva, tenendo kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz;

Rat l-atti u d-dokumenti in atti;

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant huwa limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti u cioe' ta' kundanna ghal-hlas ta' multa ta' €500 wara li sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Illi l-appellant muhiex qieghed jikkontesta l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ta'sejbien ta' hitja fil-konfront tieghu. Minkejja dan, u ghal fini ta' kwadru komplut tal-fatti tajjeb li jinghad illi l-imputat kien qieghed fuq il-bahar fil-kontroll ta' bastiment zghir, f'dan il-kaz *jet ski* meta twaqqaf minn rapprezentant ta' Trasport Malta u kien evidenti li n-numri u marki li suppost kellu indikati fuq l-istess opra kienu in parti

mqaxxra, anke jekk mhux fi proporzzjon kbira,  b'mod li ma kienux aktar identifikabbli bahla marka wahda.  Kawza ta' dan huwa manifestament evidenti li ad ezempju in-numru "8" fuq naha sar jaqra "C" u in-numru "0" kien jidher "C".  Fi kliem iehor il-marki u n-numri ma kienux mizmuma kif mitlub u dan hu rikonoxxut mill-appellant li talab il-konfrma tas-sentenza kwantu s-sejbien ta' htija.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant huwa dak singolari rigwardanti l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti ta' multa ta' €500 ghaliex, skond l-appellant, din teccedi l-massimu li tippermetti l-ligi u ghalhekk hija wahda eccessiva.  Il-Qorti mghandhiex ghalfejn tinoltra fit-tul dwar dan ir-rikors ghaliex huwa minnufih manifest illi l-appellant ghandu ragun.  Kif tajjeb espona l-imputat appellant,  l-artikolu 22 tal-AL 183 tal-2008 jipprovdi illi "Kull bastiment zghir registrat taht dawn ir-regolamenti ghandu jkollu numru u marka distinti moghtija lilu u murija car hafna fuq il-bastiment zghir b'dak il-mod li l-Awtorita' tordna skond il-klassi li lilha jkun jappartjeni l-bastiment zghir.  In-numru u l-marka distinti jkunu l-istess bhal dawk murija fic-certifikat ta'registrazzjoni.".  L-artikolu 45 u 46  imbaghad jikkwalifikaw bhala rejat kull nuqqas ta' osservazzjoni jew ksur ta' regolament taht dan l-Avviz Legali bil-piena applikabbli kif ravvizata fit-Tielet Skeda tar-Avviz Legali in dizamina.  Isegwi, skond l-istess Tielet Skeda, illi meta bastiment zghir ikun irmiggjat, marbut, varat jew misjuq  bil-marki ta' registrazzjoni ma jidhrux b'mod car jew ikunu mghottija, jew ma jingharfux sew jew ma jinqrawx facilment ikun soggett ghall-multa ta' €200. Dwar dan irid jinghad illi fl-applikazzjoni tal-piena l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-piena dwar meta il-marki ta' registrazzjoni ikunu "*gew mibdula, imhassra, sfigurati jew li jkun gie mizjud xi haga fihom*" li certament muhiex il-kaz skond il-provi in atti. Dan l-izball huwa wiehed komprensibbli stante l-mod infleci kif inhi redatta l-akkuza kontra l-imputat appellant li donnha ghandha l-elementi ta' zewg rejati differenti meta l-fatti juru li n-numru u l-marka mhux thassru b'azzjoni diretta u

volontarja tal-akkuzat bil-iskop li jirraprezentaw numru u marka ohra izda li saru ma jingharfux minhabba xi impatti tal-opra jew l-uzu taghha maz-zmien;

Ghalhekk din il-Qorti taqbel mar-rikorrenti illi kienet erogata l-piena hazina fil-kaz odjern. Il-Qorti izda ma tistax taqbel mal-appellant meta jghid li c-cirkostanzi tal kaz ma jindikawx li kellha tkun inflitta l-piena massima. Dan ghaliex il-multi msemmija fit-Tielet skeda huma tassattivi u mhux indikattivi tal-massimu applikabbli.

Ghal motivi premessi din il-Qorti qed tilqa' l-appell billi filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata kwantu l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni u tirriformaha f'dak li jirrigwarda l-piena ta' multa ta' €500 u minflok tikkundannah ghal-piena ta' multa ta' €200.